MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Numru. 393/2001

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA MAMO
VS
MICHAEL SALOMONE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Salomone ta’ 32 sena, bin il-mejjet Antoine u Christine Vassallo, imwieled Attard fit-28 ta’ Frar 1969 u residenti 189, Flat 2, Tower Road, Sliema detentur tal-karta tal-identita numru 105169M talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a. talli approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe ha flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm5000 liema flejjes jappartjenu lil Raymond Zammit, Raymond

Auto Dealer Ltd, u persuni ohra, u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju bi ksur ta' l-artikoli 293 u 294 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm5000 ghad-dannu ta' Raymond Zammit, Raymond Auto Dealer Ltd., u persuni ohra, dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-28 t'April 2003 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni (ara fol 7 et seq) jirrizulta illi l-Iispettur Mamo irceviet rapport minn Raymond Zammit ta' Raymond Auto Dealer illi certu Michael Salomone kien ssellef xi Lm5000 "bil-pretensjonijiet li kellu xi containers gejjin minn barra."

L-ispettur Mamo xehdet illi peress illi Salomone kien f'dan in-negozju "Zammit emmnu" u tah Lm5000. Wara ftit zmien Salomone talbu aktar flus biex jkopri xi "freight charges" u dazju u gie avvanzat somma ohra.

Ghadda z-zmien u l-imputat ma hallasx u Zammit sar jaf li l-imputat kellu xi proprjeta mill-wirt ta' missieru u ghalhekk talbu biex jdawwar il-proprjeta fuq ismu. Illi dan sar permezz ta' kuntratt.

Gara pero illi in-Nutar ta' Zammit dam biex jinsinwa l-kuntratt u meta mar biex jaghmel dan, sab li kien insinwat fuq Fernando Grech.

Illi Spettur Mamo kellmet lill-imputat li rrilaxxa l-istqarrija dok AFM1 li fiha ammetta li kien gideb lil Zammit biex jissellef il-flus, li Zammit kien sellfu bl-uzura u li ma kienx veru li l-flus riedhom ghal containers, u li gie kostrett mis-sur Zammit jaghmel l-kuntratt ta' bejgh ta' proprjeta' derivanti mill-wirt ta' missieru.

Illi rrizulta li Zammit kien sellfu is-somma ta' Lm7000 u jew ried proprjeta tiswa Lm20000 jew inkella Lm11000 bhala imghaxijiet.

Illi l-imputat hallas l-ewwel loan ta' Lm5000. L-prosekuzzjoni esebit dok AFM3 – skrittura dwar self ta' Lm5000, Dok AFM4 – kambjala ta' Lm10000 u dok AFM6 skrittura datata 5 ta' Mejju 2000 dwar self ta' Lm10000 (b'penali ta' Lm50 kulljum). Gie esebit dok AFM7 cheque ta' Lm10000 liema cheque ma giex onorat.

Irrizulta mill-iskrittura dok AFM3 illi gie stipulat imghax ta' Lm1000 fuq self ta' Lm5000 li kellhom jithallsu fi zmien xahar.

Jirrizulta wkoll illi l-kuntratt dwar proprjeta kien l-ewwel bejgh u ghalhekk l-imputat kien liberu li jidhol f'dan il-bejgh u f'posizzjoni li jonora l-obbligi naxxenti mill-istess kuntratt. Irrizulta wkoll illi l-imputat kellu bzonn il-flus li ssellef minn Zammit, biex jhallas lil terzi b'uzura.

Fix-xhieda tieghu Zammit ghal bidu beda jikkonferma ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe kif kien gie l-imputat talbu l-flus minhabba xi containers u li selfu Lm5500 li gew inhallsin fi zmien xahar.

Illi wara ftit Zammit qal li kien rega gie l-imputat ghal aktar flus u Zammit tah Lm5500 ohra li kellhom jithallsu fi zmien 15 il-gurnata. Illi dawn ma thallsux u l-imputat rega talab loan ohra ta’ Lm10000.

Dan is-self kien kopert bi skrittura dok AFM3, AFM6 u wkoll giet iffirmata kambjala dok AFM5 fuq dan l-ammont u ghalhekk l-imputat kellu jtih Lm15,500. Gara illi sar jaf b’ xi proprjeta li kellu l-imputat u ghalhekk xtara din proprjeta bi prezz ta’ Lm20000 – u tah lura Lm4500 – **pero ricevuta ta’ dan ma zammx** (ara fol 46) avolja l-imputat l-kwerelant kienu marru ghand in-Nutar ftit minuti wara l-iskambjar tal-flus.

Illi fix-xhieda sussegwenti a fol 66A Spettur Mamo esebit registri tal-imputat ghas-sena 2001 (Dok RA1 sa 7). A fol 67 Zammit rinfaccat bir-registri misjuba fil-proprjeta tieghu ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda minn serje ta’ domandi dwar l-uzura mhux biss fil-konfront tal-imputat imma wkoll ta’ diversi persuni ohra. Imbaghad fit-18 ta’ Lulju 2001 Raymond Zammit (fol 77-78) cahad u irtira dak kollu li kien xehed quddiem din il-Qorti u ried iwaqqa l-kawza.

Illi mir-relazzjoni ta’ Martin Bajada gie spjegat l-“money trail” li giet misjuba fuq il-hard disk tal-computers ta’ Zammit.

Illi Nutar Abela u Nutar Martinelli kkonfermaw l-kuntratti esebiti fil-process.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta’ truffa u dik ta’ approprijazzjoni indebita.

Il-Qorti ser tezamina ir-reat ta’ truffa u jekk jissussistux r-rekwisiti ta’ dan ir-reat skond il-ligi.

Illi l-Art 308 jiddeponi:-

**Whosoever, by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device or pretence calculated to lead to the belief in the existence of any fictitious enterprise or of any imaginary power, influence or credit, or to create the expectation or apprehension of any chimerical event, shall make any gain to the prejudice of another person, shall, on conviction, be liable to inprisonment for a term from four months to one year.**

Illi fil-kaz “Sua Maesta il Re vs Antonio Demicoli et”, deciza fid-29 ta’ Novembru 1922 gie ritenut illi “mhux kull forma ta’ lokupletazzjoni ossia arrikjament maghmul a dannu ta’ haddiehor  tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali”.

Illi fil-Ligi taghna sabiex jkun hemm it-truffa jew frodi nnominata jrid jkun gie pperpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ingann jew qerq jkun wassal lil vittma sabiex taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghal agent (ara Pulizija vs Emanuel Ellul Appell Kriminali 20 ta’ Gunju 1997, Pulizija vs Daniel Frendo Appell Kriminali 25 ta’ Marzu 199 4 u Pulizija vs Carmel Cassar Parnis Appell Kriminali tat-12 ta’ Dicembru 1959).

Gie ritenut wkoll illi jekk l-ingann jew qerq jkun jikkonsisti f’raggiri jew artifizzji, dak li jissejjah mise en scene, jkun hemm it-truffa, jekk le hemm ir-reat  minuri  ta’ frodi innominata (ara Pulizija vs Giuseppe Schrainer Appell Kriminali  3 ta’ Marzu 1956 u Pulizija vs Franco Farrugia Appell Kriminali 7 ta’ Frar 1985).

Illi imbaghad fis-sentenza Pulizija vs Anthony Francis Willoughby  gie ritenut illi r-reat ta’ truffa ma jissussistiex f’kaz ta’ hrug ta’  cheque jekk kemm il-darba ma jigix pprovat illi dan ic-cheque kien il-“principal inducement” biex sar in-negozju.

Fil-kaz in ezami ma hemm ebda raggiri jew skemi sofistikati li gew prattikati fuq Zammit sabiex dan jaghti

loan lill-imputat. A kuntrarju, kien hemm l-ewwel loan li gie onorat u kien biss iz-zewg “loans l-ohra” li Zammit jghid li ma gewx onorati.

Illi gidba semplici ma tikkostitwiex frodi sofistikat mahsub taht l-Art 308 tal-kap 9. Illi r-raggiri adoperati jridu jkunu tali illi jqarrqu lil “the ordinary man in the street” u lil b’mod specjali jqarrqu lill-“vittma”.

Illi dan li zgur illi ma jista b’ebda mod jirrizulta fil-kaz in ezami, meta wiehed jinduna illi Zammit jista b’mod konservattiv jissejjah “a shrewd businessman” li din il-Qorti rat li hemm indizzji sostanzjali dwar settur iehor ta’ xoghol tieghu li seta jinvolvi self lil terzi b’imghaxijiet.

Illi l-provi juru b’mod car illi Zammit kien jaf ben tajjeb li l-imputat ried l-flus halli jhallas lil terzi fuq dejn b’uzura u ghaldaqstant il-Qorti ma tista l-anqas remotament tasal ghal konkluzzjoni illi Zammit kien b’xi mod ingannat jew ikklassifikat bhala vittma.

Illi certament ghalhekk ma jissusistux l-elementi tar-reat ta’ truffa.

Illi ghal rigward ta’ akkuza ta’ inapproprijazzjoni indebita, il-ligi tikkontempla:-
Art 293 tal-kap 9:
**Whosoever misapplies, converting to his own benefit or to the benefit of any other person, anything which has been entrusted or delivered to him under a title which implies an obligation to return such thing or to make use thereof for a specific purpose, shall be liable, on conviction, to inprisonment for a term not exceeding nine months.**

**Provided that no criminal proceedings shall be instituted for such offence, except on the complaint of the injured party.**

Art 294 tal-kap 9:
**Nevertheless, where the offence referred to in the last preceding section is committed on things entrusted**

**or delivered to the offender by reason of his profession, trade, business, management, office or service or in consequence of a necessary deposit, criminal proceedings shall be instituted ex officio and the punishment shall be imprisonment for a term from five months to one year.**

Illi sikkome jista jirrizulta l-aggravju menzjonat fl-Art 294 tal-kap 9, din il-Qorti ma tistax tiehu il-waiver ta' Zammit ad lettera.

Illi jirizulta ampjament pprovat mill-kumpless tax-xhieda f'dan il-kaz illi r-rekwizit tal-Art 293, u cioe dak li jikkoncerna "anything which has been entrusted or delivered to him under a title that implies an obligation to return or use ….. for a specific purpose" huwa mankanti b'mod assolut.

L-imputat f'dan il-kaz ghamel self minn terza persuna. Huwa la kien impjegat ta' xi bank la kien mandatarju u l-anqas xi membru ta' istituzzjoni finanzjarja li allura kien obbligat f'termini tal-ligi li jaghmel uzu specifiku (bhala per ezempju li jinvesti l-flus f'xi bonds jew shares, jew f'xi bank) jew li jrodd lura oggett specifiku. Illi l-imputat l-anqas ma issellef flus minn xi bank u allura kellu joqghod ghal xi kundizzjonijiet maghmula f'dak il-kuntratt ta' self

In-negozju bejn Zammit u l-imputat kien kuntratt ta' self semplici hafna u ghalhekk ta' natura civili biss – u il-pagament kellu jsir taht il-kondizzjonijiet f'dik l-iskrittura. Dawn il-kundizzjonijiet f'din l-iskrittura b'ebda mod ma jistghu jigu estizi ghal rekwisiti "tar-radd tal-oggett" jew "ta' uzu specifikat" kontemplat fl-Art 293.

Illi stante li jonqos element kardinali ta' reat din il-Qorti ma tista ssib ebda htija.

Illi ghar-rigward tal-kuntratt a fol 157 dok NM esebit, din il-Qorti ma tista ssib ebda haga x'ticcensura f'dak il-kuntratt f'termini tal-Ligi Kriminali stante li meta gie ffirmat, l-imputat seta jidhol u kien kapaci jonora l-obbligi ta' dak il-

kuntratt. Huwa semmai t-tieni kuntratt li jista jkun oggezzjonabbli pero dan mhux meritu tal-akkuzi odjerni.

Illi di piu jrid jinghad wkoll illi id-debiti ta' Zammit gew kollha koperti b'zewg kambjali li hemm esebiti fil-process.

Illi ghaldaqstant u skond il-gurisprudenza nostrali, meta wara self originali l-istess self jigi kopert b'kambjala, din it-transazzjoni tiehu xejra ohra u l-azzjoni prorpizja minhabba l-kuncett ta' "novatio" mhiex dik kriminali izda azzjoni ohra. (ara Pulizija vs Philip Petroni deciza 16 ta' Marzu 1999).

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------